MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 330/2013

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons.), LL.D. bhala mandatarju specjali ta' Salomon SAS, socjeta' estera nkorporata taht il-ligijiet ta' Franza u b'indirizz ta' Les Croiselets, F-74996 Annecy Cedex 9, Franza**

**vs**

**Dr. Cedric Mifsud u P. L. Doreen Aquilina gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil SHENZHEN COME TO FULL TRADE CO., LTD., entita' estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "ROOM 523 HUALE BUILDING,SHENNA EAST ROAD,LUOHU SHENZHEN CHINA 518000" fic-Cina b'digriet tas-17 ta' Mejju 2013**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tat-8 ta’ April 2013 li jghid hekk:
1. illi s-socjeta attrici, maghrufa sew in konnessjoni ma' prodotti ta' zraben sportivi "SALOMON", hija proprjetarja ta' diversi trademarks li jkopru dan in-negozju;

2. illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi in konnessjoni mat-trademarks taghha "SALOMON" u ohrajn relatati, registrati inter alia dwar zraben sportivi;

3. illi s-socjeta attrici ghandha validament irregistrati b'effett mis-sebgha (7) ta' Lulju tal-elfejn u sitta (2006), it-Trademarks Komunitarji (CTM) bin-numri ta' registrazzjoni 005215496 - "SALOMON" u 005216734 (rapprezentazzjoni figurattiva partikolari), u dawn dwar zraben sportivi (fost ohrajn);

4. illi inoltre, is-socjeta attrici ghandha validament irregistrati f’isimha bhala Disinni Komunitarji, id-disinni bin-numri ta' registrazzjoni 000163225-0001 u 000163241-0001 [b'effett f’Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju tal-elfejn u erbgha (2004)], 000678586-0001, 000678586-0004 u 000678586-0005 [b'effett f'Malta mis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tal-elfejn u sebgha (2007)], 000968508-0013, u 000968508-0014 [b'effett f'Malta mill-hdax (11) ta' Lulju tal-elfejn u tmienja (2008)], kif ukoll 001148324-0009, 001148324-0014, u 001148324-0022 [b'effett f'Malta mill-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tal-elfejn u disgha (2009)];

5. illi s-socjeta attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Att dwar Drittijiet dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) [Kapitolu erba' mija w erbatax (414) tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta], u tgawdi mill-protezzjoni derivanti mill-artikoli erbgha (4), tnejn (2) subartikolu wiehed (I) paragrafi (a) u (b) kif ukoll tmienja (8) subartikolu wiehed (1) tal-istess Kap. 414, b'disposizzjonijiet rilevanti kontenuti f'dawk l-artikoli ta' ligi li japplikaw ghal dan il-kaz (fost ohrajn);

6. illi recentement, waqt il-kors ta' skrutinji doganali l-Kontrollur tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx ta' container immarkat "ECMU 8027371" kontenenti inter alia kwantita ta' zraben sportivi (gewwa materjal ta' ippakkettjar relattiv u kontenuti f'kaxxi tal-kartun), liema zraben sportivi, fl-ewwel lok, kollha ghandhorn fuqhom minghajr l-awtorizzazzjoni tas-socjeta attrici, trademarks "SALOMON" u rapprezentazzjoni figurattiva partikolari, f'cirkustanzi fejn hemm it-Trademarks Komunitarji registrati taghha skond kif hawn qabel indikat u, fit-tieni lok, kollha fihom minghajr il-kunsens tas-socjeta attrici bhala detentrici ta' jeddijiet fuq disinni oltre ghal drittijiet tal-awtur, kopji tad-Disinni Komunitarji registrati taghha skond kif hawn qabel indikat, maghmulin f'cirkustanzi fejn l-eghmil ta' dawk il-kopji, li kieku kien ikun sar f'Malta, kien jikkontravvjeni d-drittijiet involuti taht il-ligi ta' Malta;

7. illi dawn l-oggetti kollha waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana waqt procedura doganali ta' trasbord (transhipment), mibghuta mill-konvenuta w in tranzitu ghar- rilaxx eventwali favur kunsinnatarja ndikata fuq il-polza ta' karigu relattiva bhala "TO ORDER". Il-Kontrollur tad-Dwana nforma lis-socjeta attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta intellettwali;

8. illi s-socjeta attrici giet mgharrfa bis-sejba fit-tmienja (8) ta' Marzu tal-elfejn u tlettax (2013) u, wara li ezaminat ritratti elettronici u kampjuni ta' dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontravvenjenti. Minn naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta attrici kopja ta' dokument relattiv ghal dan il-kaz intitolat "DRAFT BILL OF LADING" fejn, fil-kaxxa relattiva ghall-parti li qed tibghat ("SHIPPER"), hemm indikata "SHEZHEN COME TO FULL TRADE CO., LTD.", entita estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "ROOM 523 HUALE BUILDING,SHENNA EAST ROAD,LUOHU SHENZHEN CHINA 51800" fic-Cina, filwaqt li bhala irnportatrici / "CONSIGNEE" hemm indikat "TO ORDER" u bhala parti tan-notifika hemm indikat "JAN MOH", b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "BLOCK 35, FLAT 39, ALEKSANDAR NEVESKYO, ODESSA 65016, Ukraine";

9. illi effettivament, l-oggetti mertu ta' din il-vertenza, li I-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox elf sitt mija sitta u hamsin (1,656) par zarbun, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li oggetti falsifikati kif ukoll oggetti mdahhla b'piraterija, dan kollu f'cirkustanzi fejn kemm fil-pajjiz minn fejn intbaghtu (Cina) kif ukoll fil-pajjiz fejn kellhom jaslu (Ukrajna), is-socjeta attrici ghandha trademarks antecedenti registrati "SALOMON" u rapprezentazzjoni figurattiva partikolari, inter alia dwar zraben sportivi, oltre ghal registrazzjoni ta' drittijiet tal-awtur relattiva fic-Cina;

10. illi I-Kontrollur tad-Dwana pprefiggja terminu sad-disgha (9) ta' April tal-elfejn u tlettax (2013) inkluz, sabiex is-socjeta attrici taghtih prova li nbdew I-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal- kaz, u dawn il-procedirnenti gudizzjarji civili qed jigu prezentati entro dan I-istess terminu;

11. illi I-esponent jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

12. illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi I-attur nomine umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti:

(1) tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'kwantita ta' zraben sportivi (gewwa materjal ta' ippakkettjar relattiv u kontenuti f'kaxxi tal-kartun), liema zraben sportivi kollha ghandhorn fuqhom trademarks "SALOMON" u rapprezentazzjoni figurattiva partikolari, u jinsabu prezenternent mizmuma taht I-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li I-container immarkat "ECMU 8027371" kien jikkontjenihom fost ohrajn, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li oggetti falsifikati;

(2) tiddikjara li I-istess oggetti konsistenti f'kwantita ta' zraben sportivi, li kollha fihom kopji tad-Disinni Komunitarji

registrati tas-socjeta attrici hawn qabel indikati, u jinsabu prezentement miznuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container immarkat "ECMU 8027371" kien jikkontjenihom fost ohrajn, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li oggetti mdahhla b'piraterija;

(3) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuta u ghas-spejjez taghha;

(4) tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

(5) tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez l-ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tielet u tar-raba talbiet attrici, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjon taghha.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tal-10 ta’ Gunju 2013 li tghid hekk:

Illi l-kuraturi ghamlu bosta tentattivi sabiex jikkuntattjaw lill-konvenuti pero sallum dawn it-tentattivi rrizultaw fin-negattiv.

Ghaldaqstant f’kaz li jirrnexielhom jaghmlu kuntatt jirriservaw li, bl-awtorizazzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti, jipprezentaw eccezzjonijiet f’stadju ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett d'ostakolo.

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-marki "SALOMON" u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta' din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta' trademarks Komunitarji (CTM) bin-numri 005215496, 005216734, 000163225-0001, 000163241-0001, 000678586-0001, 000678586-0004, 000678586-0005, 000968508-0013, 000968508-0014, 001148324-0009, 001148324-0014, u 001148324-0022.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'container ECMU 8027371 li kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM RIGOLETTO li kien diehel Malta fit-13 ta' Frar 2013 l-Ufficjali tad-Dwana sabu kwantita ta' zraben sportivi (gewwa materjal ta' ppakkettjar relattiv u kontenuti f'kaxxi tal-kartun) li jgibu l-markju tas-socjeta rikorrenti liema konsenja tikkonsisti elf sitt mija sitta u hamsin (1,656), u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 11 ta' Gunju 2013 Dok. LS2 maghmul minn Anne Laurent, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skond il-ligi, u fit-terminu indikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius Dok. R datat 3 ta' April 2013 fol. 94 li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta' Anne Laurent li kkonfermat li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit ta' George Agius fol. 95 u 96. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi konsenja ta' elf sitt mija sitta u hamsin (1,656) pari ta' zraben sportivi (gewwa materjal ta' ippakkettjar relattiv u kontenuti f'kaxxi tal-kartun), in kwistjoni li tinsab maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati skond l-artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' elf sitt mija sitta u hamsin (1,656) pari ta' zraben sportivi (gewwa materjal ta' ippakkettjar relattiv u kontenuti f'kaxxi tal-kartun), gewwa l-container ECMU 8027371, da parti tas-socjeta intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti nkwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjeta rikorrenti;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi l-oggetti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tas-socjeta intimata, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lis-socjeta intimata thallas l-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija

oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni, u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414 kif jirrizulta mill-affidavit ta' George Agius a fol. 95 u 96;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba talba billi ma hemmx bzonnha;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta/entita konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------